**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 191/16AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti żżewwġu fit-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u sebgha (2007) kif jirriżulta minn kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ, hawn annessa, esebita u mmarkat bħala **DOK. LF1**, u minn dan iż-żwieġ ma kellhomx tfal.

2. Illi l-kontendenti nfirdu minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in Atti Nutar Dottor Mary Grech Pace datat wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011),

kif jidher minn kopja tal-kuntratt hawn anness, esebit u mmarkat bħalha **DOK. LF2**.

3. Illi kif jirriżulta mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni, il-kontendenti iddekadew għad-dritt li jitolbu/jirċievu manteniment mingħand xulxin.

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġjonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi għalhekk il-kundizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta’ Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-kontendenti huma separati permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni, m’huwiex meħtieġ illi ssir medjazzjoni bejniethom.

6. Illi l-esponenti qed tikkonferma dan kollu bil-gurament taghha permezz ta’ affidavit, li jinsab hawn anness, esebit u mmarkat bhala **DOK LF3**.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m’ghandhiex :

a) Tippronunzja x-xoljiment taż-żwieġ eżistenti bejn il-partijiet;

b) Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, entro terminu determinat minn din l-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-10 ta’ Lulju, 2017;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, inkluz l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma deherx ghal dawn il-proceduri u ma ipprezentax risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-31 ta' Ottubru, 2011;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.